



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 99/10
il-Lussemburgo, 6 ta' Ottubru 2010

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' Mħallef ġdid u tar-Reġistratur il-ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Udjenza solenni tas-6 ta' Ottubru 2010

Wara r-riżenza ta' Pranas Kūris, ir-rapreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru, permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Settembru 2010, lil Egidijs Jarašiūnas bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għat-tul tal-mandat ta' P. Kūris li fadal jiddekorri, jiġifieri għall-perijodu bejn is-6 ta' Ottubru 2010 u s-6 ta' Ottubru 2012.

Wara r-riżenza ta' Roger Grass, li ilu jeżerċita l-kariga ta' Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-10 ta' Frar 1994, Alfredo Calot Escobar ġie elett bħala Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-Imħallfin u mill-Avukati Ġenerali, fl-14 ta' Settembru 2010, għal mandat ta' sitt snin, jiġifieri għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2010 u s-6 ta' Ottubru 2016.

Fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' E. Jarašiūnas u ta' A. Calot Escobar, illum inżammet udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Egidius Jarašiūnas

imwied fl-1952; gradwat fil-liġi mill-Universitāt ta' Vilnus (1974-1979); dottorat fix-xjenzi legali mill-Akkademja tal-Liġi tal-Litwanja (1999), avukat prattikanti fil-Litwanja (1979-1990); Membru tal-Kunsill Suprem (Parlament) tar-Repubblika tal-Litwanja (1990-1992), u mbagħad Membru tas-Seimas (Parlament) tar-Repubblika tal-Litwanja u Membru tal-Kumitat tal-Istat u tal-Liġi (1992-1996); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja (1996-2005), u mbagħad konsulent tal-president tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Litwanja (mill-2006); assistent fit-taqṣima tad-dritt kostituzzjonali tal-fakultà tal-liġi fl-Universitāt Mykolas Romeris (1997-2000), u mbagħad assistent professur (2000-2004), u wara professur (mill-2004) fit-taqṣima msemija u wara kap tat-taqṣima tad-dritt kostituzzjonali (2005-2007); dekan tal-fakultà tal-liġi fl-Universitāt Mykolas Romeris (2007-2010); Membru tal-Kummissjoni ta' Vjenna (2006-2010); Firmatarju tal-Att tal-11 ta' Marzu 1990 dwar l-istabbiliment mill-ġdid tal-indipendenza tal-Litwanja; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet legali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis 6 ta' Ottubru 2010.

Alfredo Calot Escobar

imwied fl-1961; gradwat fil-liġi mill-Universitāt ta' Valencia (1979-1984); analista kummericjali fi-ħdan il-Kunsill tal-kmamar tal-kummerċ tal-Comunidad autónoma de Valencia (1986); ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja (1986-1990); ġurista reviżur mal-Qorti tal-Ġustizzja (1990-1993); amministratur fid-dipartiment tal-istampa u tal-informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (1993-1995); amministratur fi-ħdan

is-segretarjat tal-kumitat istituzzjonal tal-Parlament Ewropew (1995-1996); attaché mar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja (1996-1999); référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja (1999-2000); kap tad-diviżjoni ta' traduzzjoni tal-lingwa Spanjola tal-Qorti tal-Ġustizzja (2000-2001); direttur, u mbagħad direttur ġenerali, tat-traduzzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja (2001-2010); Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2010.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106